MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 3460/1996/1

**Paul Spiteri**

**Vs**

**Marthese Spiteri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin in forza ta' kuntratt konsenswali datat 14 ta' Jannar, 1994 u ppubblikat min-Nutar Dottor Michael Dingli (dok A).

Premess illi in forza ta' l-imsemmi kuntratt il-kura u l-kustodja tal-minuri Jean Paul u Ryan ahwa Spiteri giet fdata f'idejn il-konvenuta, fil-waqt li klawsola numru ghaxra

(10) ta’ l-imsemmi kuntratt tistipula li l-kontendenti *“ma ghandhomx jindahlu fil-hajja privata ta’ xulxin sakemm ma tkun qeghda ssir ebda hsara lill-minuri wliedhom “;*

Premess illi l-konvenuta qeghda tghix f’konkubinagg apert ma’ certu Albert Agius u qeghda tressaq lill-istess uliedha msemmija lejn din il-persuna ;

Premess illi permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ attubru,1996 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet : MARTHESE SPITERI vs PAUL SPITERI , il-Qorti ssospendiet il-kura u l-kustodja tal-konvenuta versu l-minuri limitatament sal-15 ta’ Jannar, 1997, wara liema data skond l-istess digriet il-konvenuta tista’ terga tibda tghammar gewwa d-dar matrimonjali flimkien mal-minuri ad eskluzzjoni ta’ l-attur (Dok B) ;

Premess illi l-konvenuta mhix persuna idoneja sabiex ikollha l-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmija minuri ;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tvarja d-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta’ Ottubru, 1996 u tordna li fl-aqwa interess tal-minuri Jean Paul u Ryan ahwa Spiteri, l-attur jigi akkordat il-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmija minuri anke wara l-15 ta’ Jannar, 1997 bi dritt ta’ acess tal-konvenuta taht il-kondizzjonijiet li tistabilixxi din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** a fol. 19 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita’ tac-citazzjoni peress li ma gietx diretta kontra l-minuri li ghandhom ikunu rapprezentati f’din il-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-azzjoni hija inattendibbli peress illi l-attur qieghed jattakka eventwalita’ li ghadha ma sehhitx u cioe’ li l-eccipjenti telqet tghix fid-dar taghha, kif kellha dritt li taghmel u sabet oppozizzjoni qudiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta u differita ghall-21 ta’ Marzu, 1997

3. Illi dak li ghandu x’jissottometti l-attur diga’ gie sottomess lill-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja u kwindi m’hemmx fatti godda li jimmeritaw varjazzjoni fid-digriet li qieghed jigi attakkat u dan ghaliex din il-Qorti, in mankanza ta’ fatti godda, m’ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ gudizzju ezercitat mill-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volonarja . Tant hu minnu dan li d-digriet ta’ dik il-Qorti kien kawtelat b’din il-“caveat”:

“Il-partijiet huma obbligati li ma jkunux fil-kumpanija ta’ xi terza persuna tas-sess oppost (li ma jkunx membru tal-familja) jew il-koppja Sammy u Kathy Vella, meta jkunu fil-kumpanija tal-minuri”.

4. Illi l-idonejita’ tal-persuna ta’ l-eccipjenti tigi aktar apprezzata minn dina l-Qorti, meta jigi apprezzat li fil-waqt li l-eccipjent ghandha l-hin kollu biex tiehu hsieb it-tfal, l-attur m’huwiex f’din il-pozizzjoni tant li ghal parti l-kbira tal-hin qeghdin jithallew fil-kura ta’ girien li prattikament saru l-genituri adottivi tat-tfal in kwistjoni.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti a fol. 33 u 49;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fil-paragrafu 11 tar-relazzjoni tal-perit legali, gie mnizzel li skond il-verbali tas-seduti 28 u 30 fil-kawza fl-ismijiet inversi, hemm dikjarat li l-iben il-kbir tal-kontendenti, li dak iz-zmien kellu 17 il sena , minn jeddu mar ighix

m’ommu, imbaghad gie dikjarat li l-konvenuta nghatat ic-cwievet ta’ dik li kienet id-dar matrimonjali u marret tghix fiha maz-zweg uliedha, ad eskluzzjoni ta’ l-attur.

Dik is-sitwazzjoni gdida li nholqot f’dawk l-ahhar gimghat tat lok biex il-perit legali li kien diga rrediga r-rapport tieghu, jibdel il-konkluzzjonijiet tieghu.

Il-perit legali kkonkluda li l-kura u l-kustodja tat-tfal m’ghandiex titnehha minn idejn il-konvenuta. Din ghandha tkun fdata f’idejn iz-zewg genituri. L-imsemmija ulied ghandhom ighixu fi kwalunkwe post destinat mill-omm, sew jekk din tkun tghix fid-dar matrimonjali u sew jekk tghix fi kwalunkwe dar ohra.

Ghal dak li jirrigwarda access tal-missier dana ghandu jinghata access li jkun miftiehem bi qbil bejn il-partijiet, u fin-nuqqas japplika  dak deciz mis-Sekond Awla fid-digriet taghha.

Fic-cirkostanzi prezenti, il-Qorti taqbel ma dawn il-konkluzzjonijiet u taghmilhom taghha.

It-talba fic-citazzjoni kienet biex dina l-Qorti tvarja d-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta’ Ottubru, 1996 u tordna li fl-aqwa interess tal-minuri Jean Paul u Ryan ahwa Spiteri, l-attur jigi akkordat il-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmija minuri anke wara l-15 ta’ Jannar, 1997 bi dritt ta’ acess tal-konvenuta taht il-kondizzjonijiet li tistabilixxi din il-Qorti.

Illi fic-cirkostanzi prezenti, fejn it-tfal regghu nqaghdu m’ommhom, u in vista ta’ dak relatat minn Carmen Zammit, Principal Social Worker, u Raymond Dimech, social Worker, fis-sens li tfal ghandhom joqghodu m’ommhom, il-Qorti tordna kif gej:

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuta;

u tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal tkun fdata f'idejn iz-zewg genituri b'dan pero li l-imsemmija ulied ghandhom ighixu m'ommhom fi kwalunkwe post destinat minnha, sew jekk din tkun tghix fid-dar matrimonjali u sew jekk tghix fi kwalunkwe dar ohra.

Ghal dawk li jirrigwarda access tal-missier dana ghandu jinghata access li jkun miftiehem bi qbil bejn il-partijiet, u fin-nuqqas japplika  dak deciz mis-Sekond Awla fid-digriet taghha.

Spejjez fic-cirkostanzi ghandhom ikunu bin-nofs.

--------------------------------TMIEM--------------------------------